MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 21/2005

**Elmo Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Maryanne Aquilina u l-istess Maryanne Aquilina**
**vs**
**Alexia Giordmaina Medici**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Jannar, 2005, fejn intqal :**
**Illi din hija istanza fejn l-atturi qed jitolbu l-kundanna tal-konvenuta ghal risarciment ta' danni fl-ammont ta' mitejn hamsa u sittin lira sebghin centezmu (Lm265.70c [rapport tal-pulizija (Dok.A) - Lm3; survey report (Dok.B) ; tiswija u parts - Lm244.70c (Dok.C sa Dok.G); kiri ta' karozza - Lm18 (Dok.H u Dok.I)] [in kwantu ghal Lm240.70c lis-socjeta' attrici Atlas Insurance Limited u in kwantu ghal Lm25 lil Maryanne Aquilina] minnha kkagunati u minnhom subiti in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara fir-**

**Rabat fit-8 ta' Dicembru 2003 meta waqt li l-konvenuta kienet qed issuq vettura Nru.AAN-474 habtet mal-vettura Nru.ANB-978, propjeta' tal-attrici Maryanne Aquilina u misjuqa minn Annabel Aquilina, ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.**
**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenuta ghandha thallas l-ispejjez tal-kawza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tas-16 ta' Novembru 2004, dawk tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri u l-imghax legali b'effett mis-16 ta' Novembru 2004 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-15 ta' Frar, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati. .**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh, jikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici Atlas Insurance Limited is-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm240.70) u lill-attrici Maryanne Aquilina is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25), ilkoll bl-imghax legali mis-16 ta' Novembru, 2004 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tas-16 ta' Novembru 2004, dawk tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta bi-odjerni proceduri, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------